MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 238/2004

V. Demajo & Bros. (P373)

**vs**

**Nadia Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn hames mija seba' u erbghin lira u hamsin centezmu (LM2547.50) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' hames mija u seba' u erbghin lira u hamsin centezmu (LM 547.50) bhala ammont lilha imhallas u minnha ricevut indebitament u kwantu ghal elfejn liri Maltin (LM2,000) dovuti minnha bhala penali skond il-klawsola 14 tal-iskrittura datata 29 ta' April 1991 iffimata minnha u s-socjeta attrici; Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri interpellatorji datati 21 ta' Ottubru 2002 u 25 ta' Frar 2004

u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat illi l-konvenuta, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fis-16 ta’ Gunju, 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tas-socjeta’ attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn hames mija seba’ u erbghin lira u hamsin centezmu (LM2547.50) bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv u bl-spejjez kif-mitluba

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------